



# Aħbar Tajba

Ġen 15, 5-12.17-18
Salm 26 (27), 1.7-8.9.13-14
Fil 3, 17 – 4,1
Lq 9, 28b-36

U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid:
**"Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu!"**

Dennis kien tifel li ta' 16-il sena żviluppatlu kundizzjoni fl-għadam ta' wiċċu li beda jikber b'mod irregolari b'tali mod li kellu dehra xejn ma tiġbdek. Għalkemm qatt ma qata qalbu, u kellu ftit ħbieb li għenuh, dejjem ħass li qisu ma kellux l-istess opportunitajiet daqs sħabu. Imma darba Dennis mar ma' sħabu f'ċirku u daħlu ġo kamra b'ħafna mirja ta' għamliet differenti, kull waħda tgħawweġ u tobrom ir-rifless tal-persuna. L-istramba hi li meta Dennis ħares f'mera partikolari wiċċu deher ta' żagħżugħ il-ġmiel tiegħu li anki sħabu stagħġbu b'dak li raw. Għall-ewwel darba kienu raw wiċċ Dennis u mhux l-effett tal-kundizzjoni tiegħu.

Hekk kif qrajt il-Vanġelu tal-lum mill-ewwel ftakart f'din l-istorja. Fit-trasfigurazzjoni ta' Ġesù, Pietru, Ġwanni u Ġakbu jaraw lil Ġesù ferm differenti mis-soltu. Kien Ġesù fil-glorja; mhux biss bħala bniedem imma bħala Alla. Forsi għalhekk ma kienx jaf x'ser jaqbad jgħid Pietru.

Imma għalfejn il-knisja tpoġġilna dan il-qari hekk glorjuż fi żmien ir-Randan? Biex nifhmu aħjar ir-raġuni ma rridux ninsew li din il-ġrajja ġrat eżatt wara li Ġesù qal lill-appostli li kien se jbati u jmut. Wara aħbar ta' qtigħ il-qalb bħal dik, Ġesù qed jipprova jagħmlilhom kuraġġ. Ried jurihom li kien l-Iben ta' Alla u l-mewt ma kinitx se twaqqfu. Ried jurihom li t-tbatija u l-mewt ma kinux falliment imma l-mezz li bih tidher l-aħjar dik l-istess glorja li dak il-ħin kienu qed jaraw b'għajnejhom.

U l-istorja ma tiqafx hemm. Ġesù qed jipprova jwassal dan l-istess messaġġ lilna llum għax bħall-appostli, aħna wkoll ngħaddu minn mumenti ta' qtigħ il-qalb. Imma jekk nagħrfu nindunaw, is-Sinjur Alla dejjem jibgħatilna mumenti biex iqawwilna qalbna. Forsi mhux se naraw xeni straordinarji kif raw Ġakbu, Ġwanni u Pietru, imma se niltaqgħu ma' nies li bi kliemhom u b'għemilhom se juruna li Alla qiegħed magħna.

Fuq kollox, aħna wkoll nistgħu nkunu persuni li permezz tagħna Alla juri ruħu. Min jaf kemm-il darba nkunu nistgħu nagħmlu kuraġġ jew inferrħu lil xi ħadd li għaddej minn mumenti xejn sbieħ. Kultant kelma jew stedina żgħira lil xi ħadd biex jilgħab miegħek u ma' sħabek tista' tkun biżżejjed biex tibdel il-burdata ta' dak li jkun. Hekk inkunu qed inkomplu l-missjoni ta' Ġesù li nwasslu tassew Aħbar Tajba.




**MIMDUDIN:**

1. Ġesù u d-dixxipli tiegħu telgħu fuq _ _ _ _ _ _ _ _ .
3. Liema mid-dixxipli ta' Ġesù xtaq itella' tliet tined?
5. Minn ġos-sħab instema' _ _ _ _ _ .
7. Dan il-profeta deher ħdejn Ġesù.
9. Ħdejn Ġesù deher ukoll mexxej kbir. Min kien?

**WEQFIN:**

2. X'kienu qed jagħmlu l-persuni li dehru ħdejn Ġesù?
4. Kemm kellu dixxipli miegħu Ġesù dakinhar?
6. Fejn kellha sseħħ it-tmiem tal-ħajja ta' Ġesù?
8. Ġesù tela' fuq il-muntanja biex _ _ _ _ _ _ .



## Mosè u Elija

Fis-silta tal-lum jissemmew żewġ karattri li ma tistennix, Mosè u Elija. Dawn huma żewġ persunaġġi importanti ħafna mit-Testment il-Qadim. Imma x'kienu qed jagħmlu ħdejn Ġesù? Kienu ilhom mijiet ta' snin li mietu. Xi tfisser id-dehra tagħhom?

L-ewwel nett irridu ngħidu li Mosè u Elija ma kinux żewġ persuni kwalunkwe. Dawn kienu meqjusa mil-Lhud l-aqwa fost l-antenati kollha tagħhom.

Mosè, mexxej kbir li bil-għajnuna ta' Alla ħeles lill-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu, li dak iż-żmien kien meqjus saltna mill-aktar qawwija. Mosè huwa wkoll il-bniedem li permezz tiegħu Alla għamel patt mal-poplu tiegħu u għall-poplu, dan il-patt kien il-qalba tal-fidi tagħhom. Bl-istess mod Elija kien persunaġġ ieħor kbir, meqjus l-ikbar fost il-profeti kollha minn ħafna. Elija kien profeta fi żmien meta kellu ħafna oppożizzjoni u xkiel.

Permezz ta' dan il-profeta Alla wera l-qawwa tiegħu u l-imħabba kbira li kellu għall-poplu magħżul tiegħu.

Imma għaliex dehru maġenb Ġesù? Il-messaġġ li l-evanġelista jixtieq iwasslilna hu li dak kollu li għamlu dawn iż-żewġ persunaġġi kbar kien preparazzjoni għal dak li ġie jagħmel Ġesù.



### Din il-Ġimgħa...

**Sib ftit ħin biex tmur f'post kwiet biex titlob. Tista' tmur f'xi kappella tal-adorazzjoni jew inkella l-knisja qabel il-ħin tal-quddiesa. Iżda din il-ġimgħa flok titlob għalik, kuljum itlob għal xi ħadd ieħor. Jista' jkun xi ħadd li ltqajt miegħu dakinhar jew inkella xi ħadd li ftakart fih. Importanti li matul din il-ġimgħa, kuljum titlob għal xi ħadd differenti.**


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq




**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**Promozzjoni**

# Issa tista' tirreklama fuq dan il-fuljett

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**
**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100. Għal aktar informazzjoni żur **www.mediacentre.com.mt**

mediacentre
YOUTHEME FOUNDATION